

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) NRU 2015/606****tas-16 ta' April 2015**

**li jiffissa l-koeffiċċient tal-allokazzjoni applikabbi għall-kwantitajiet koperti mill-applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-importazzjoni introdotti mill-1 sas-7 ta' April 2015 fil-kuntest tal-kwoti tariffarji miftuħa bir-Regolament (KE) Nru 341/2007 għat-tewm**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 (¹), u b'mod partikolari l-Artikolu 188(1) u (3) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 341/2007 (²) fetaħ kwoti tariffarji annwali għall-importazzjoni tat-tewm.
- (2) Il-kwantitajiet koperti mill-applikazzjonijiet għal liċenzji tal-importazzjoni "A" mressaqin tul l-lewwel sebat ijiem kalendari tax-xahar ta' April 2015, għas-subperjodu mill-1 ta' Ġunju 2015 sal-31 ta' Awwissu 2015, għal ċerti kwoti, huma oħla mill-kwantitajiet disponibbli. Għalhekk, jeħtieġ li jiġi ddeterminat sa liema punt jistgħu jinħarġu l-liċenzji għall-importazzjoni "A", billi jiġi ffissat il-koeffiċċient tal-allokazzjoni applikabbi għall-kwantitajiet mitluba, ikkalkulat skont l-Artikolu 7(2) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1301/2006 (³).
- (3) Sabiex tiġi għarantita l-effiċċiatura tal-miżura, jixraq li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ dakħar tal-publikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

**Artikolu 1**

Il-kwantitajiet koperti mill-applikazzjonijiet għal liċenzji tal-importazzjoni "A" mressaqin skont ir-Regolament (KE) Nru 341/2007 għas-subperjodu mill-1 ta' Ġunju 2015 sal-31 ta' Awwissu 2015 għandhom jinħarġu skont il-koeffiċċient ta' allokazzjoni li jidher fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

**Artikolu 2**

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ dakħar tal-publikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' April 2015.

*Għall-Kummissjoni,*

*F'isem il-President,*

*Jerzy PLEWA*

*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

(¹) ġu L 347, 20.12.2013, p. 671.

(²) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 341/2007 tad-29 ta' Marzu 2007 li jiftaħ u jipprovi għall-amministrazzjoni ta' kwoti tariffarji u li jintrodu sistema għal liċenzji tal-importazzjoni u ċertifikati ta' oriġini għat-tewm u għal ċerti prodotti agrikoli oħra importati minn pajjiżi terzi (ĠU L 90, 30.3.2007, p. 12).

(³) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1301/2006 tal-31 ta' Awwissu 2006 li jistabbilixxi regoli komuni għall-amministrazzjoni ta' kwoti ta' tariffe fuq l-importazzjoni għal prodotti agrikoli ġestiti b'sistema ta' liċenzji ta' importazzjoni (ĠU L 238, 1.9.2006, p. 13).

## ANNESS

Oriġini	Numru tal-ordni	Koeffiċjent tal-allokazzjoni — applikazzjonijiet imressqa għas-subper- jodu mill-1 ta' Ġunju 2015 sal- 31 ta' Awwissu 2015 (f%)
L-Arġentina		
— Importaturi tradizzjonal	09.4104	—
— Importaturi ġodda	09.4099	—
Iċ-Ċina		
— Importaturi tradizzjonal	09.4105	81,143203
— Importaturi ġodda	09.4100	0,471995
Pajjiżi terzi oħra		
— Importaturi tradizzjonal	09.4106	—
— Importaturi ġodda	09.4102	—